Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 748/2008

tat-30 ta' Lulju 2008

dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa ta' l-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini fi ħdan il-kodiċi tan-NM 0206 29 91

(Riformulazzjoni)

(ĠU L 202, 31.7.2008, p. 28)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 539/2009 tat-18 ta' Ġunju 2009	L 160	3	23.6.2009
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2009 tal-21 ta' Settembru 2009	L 248	21	22.9.2009
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 653/2011 tas-6 ta' Lulju 2011	L 179	1	7.7.2011
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1212/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012	L 348	7	18.12.2012
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1478 tas-16 ta' Awwissu 2017	L 211	8	17.8.2017

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 748/2008

tat-30 ta' Lulju 2008

dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa ta' l-importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini fi ħdan il-kodiċi tan-NM 0206 29 91

(Riformulazzjoni)

Artikolu 1

1. Il-kwota Komunitarja ta' tariffa ta' l-importazzjoni għall-falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 0206 29 91 hija hawnhekk miftuħa kull sena għal volum annwali ta' 1 500 tunnellata għall-perjodi mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-perjodu tal-kwota ta' tariffa ta' l-importazzjoni".

▼M1

_____

▼B

2. Id-dazju tad-dwana *ad valorem* fuq il-kwota msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' 4 %.

3. Il-kwota annwali għandha tkun allokata kif ġej:

(a) 700 tunnellata li joriġinaw fi u ġejjin mill-Arġentina.

▼M1

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4460;

▼B

(b) 800 tunnellata li joriġinaw fi u ġejjin minn pajjiżi terzi oħrajn.

▼M1

Din il-kwota ġġib in-numru tas-serje 09.4020.

▼B

4. Falda rqiqa sħiħa biss tista' tiġi importata taħt il-kwota.

5. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, falda rqiqa li tkun iffriżata, b'temperatura interna ta' mhux aktar minn –12 °C meta tidħol fit-territorju doganali tal-Komunità, għandha titqies li hi "falda rqiqa ffriżata".

6. Għall-arranġamenti ta' l-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 3(a) ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 376/2008, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u r-Regolament (KE) Nru 382/2008, għajr fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

Għall-arranġamenti ta' l-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 3(b) ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 376/2008, (KE) Nru 1301/2006 u (KE) Nru 382/2008, għajr fejn dan ir-Regolament jipprovdi mod ieħor.

▼B

Artikolu 2

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzja u l-liċenzji nnifishom għandu jkun fihom l-annotazzjonijiet segwenti:

(a) fit-taqsima 8, il-pajjiż ta' l-oriġini u, għall-importazzjoni tal-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3)(a), għandha tiġi mmarkata il-kaxxa "iva";

(b) fit-taqsima 20, talanqas waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness I.

2. B'deroga mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 382/2008, il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi sa tmiem il-perjodu tal-kwota ta' tariffa ta' l-importazzjoni.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat ta' awtenticità maħruġ mill-Arġentina għandu jsir f'oriġinal wieħed u mill-inqas kopja waħda fuq formola li tikkorrispondi mal-kampjun mogħti fl-Anness II.

Il-formola għandu jkollha daqs ta' bejn wieħed u ieħor 210 b'297 millimetru. Il-karta għandha tiżen mhux inqas minn 40 gramma għal kull metru kwadru.

2. Il-formoli għandhom jiġu stampati u kkompletati f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Komunità kif ukoll, jekk hekk mixtieq, fl-ilsien uffiċjali ta' l-Arġentina.

3. Kull ċertifikat ta' awtenticità għandu jkollu numru ta' serje individwali mogħti mill-awtorità li toħorġu msemmija fl-Anness III (minn hawn 'il quddiem "l-awtorità emittenti"). Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru tas-serje bħall-oriġinal.

4. Id-dokument oriġinali u l-kopji tiegħu jistgħu jkunu ttajpjati jew miktuba bl-id. Fil-każ ta' l-aħħar, għandhom jinkitbu b'linka sewda u b'ittri kbar.

Artikolu 4

1. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandhom ikunu validi biss jekk huma debitament ikkompletati u ffirmati mill-awtorità emittenti, skond l-istruzzjonijiet mogħtija fl-Anness II.

2. Ċertifikat ta' awtenticità għandu jitqies li ġie debitament iffirmat jekk jispeċifika d-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollu t-timbru ta' l-awtorità emittenti u l-firma tal-persuna jew persuni awtorizzati li jiffirmawh.

It-timbru jista' jkun sostitwit fuq iċ-ċertifikat oriġinali ta' awtenticità u l-kopji tiegħu permezz ta' siġill stampat.

Artikolu 5

1. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandhom ikunu validi għal tliet xhur mid-data tal-ħruġ.

Madankollu, iċ-ċertifikati ma jistgħux jiġu ppreżentati lill-awtorità kompetenti nazzjonali wara t-30 ta' Ġunju ta' wara d-data tal-ħruġ.

▼B

2. L-oriġinal taċ-ċertifikat ta' awtentiċità mħejji skond l-Artikoli 3, 4 u 6 flimkien ma' kopja tiegħu għandhom ikunu ppreżentati lill-awtorità kompetenti nazzjonali flimkien ma' l-applikazzjoni għall-ewwel liċenzja ta' l-importazzjoni li tirrigwarda ċ-ċertifikat ta' awtentiċità.

Ċertifikat ta' awtentiċità jista' jintuża għall-ħruġ ta' iktar minn liċenzja ta' l-importazzjoni waħda għal kwantità totali li ma taqbiżx dik murija fuq iċ-ċertifikat. Meta tinħareġ iktar minn liċenzja waħda rigward ċertifikat, l-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tiffirma ċ-ċertifikat ta' awtentiċità biex turi l-kwantità attribwita.

L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu joħorġu l-liċenzji ta' l-importazzjoni biss wara li jkunu sodisfatti li l-informazzjoni kollha fuq iċ-ċertifikat ta' awtentiċità tkun tikkorrispondi ma' dik li tkun irċeviet kull ġimgħa mill-Kummissjoni fuq is-suġġett. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jinħarġu immedjatament wara.

3. Minkejja t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali u b'applikazzjoni debitament irraġunata, joħorġu liċenzji ta' l-importazzjoni fuq bażi taċ-ċertifikati rilevanti ta' awtentiċità qabel ma jkunu rċevew l-informazzjoni mill-Kummissjoni. F'każijiet bħal dawn, il-garanzija għal-liċenzja ta' l-importazzjoni għandha tkun ta' EUR 50 għal kull 100 kg ta' piż nett. Wara li jirċievu l-informazzjoni li għandha x'taqsam maċ-ċertifikat, l-Istati Membri għandhom jissostitwixxu l-garanzija b'dik ta' EUR 12 għal kull 100 kg ta' piż nett.

Artikolu 6

1. L-awtorità emittenti għandha:

(a) tkun irrikonoxxuta bħala hekk fl-Arġentina;

(b) tobbliga ruħha li tiċċekkja l-partikolaritajiet fuq iċ-ċertifikat ta' awtentiċità;

(ċ) timpenja ruħha li tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, bi kwalunkwe informazzjoni li tagħmilha possibbli li ssir valutazzjoni taċ-ċertifikati ta' awtentiċità.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Anness III jekk awtorità emittenti ma tibqax irrikonoxxuta jew tonqos milli twettaq xi wieħed mill-obbligi tagħha jew jekk tinħatar awtorità emittenti ġdida.

Artikolu 7

Sabiex applikant jikkwalifika għall-arranġamenti ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(3)(b), l-applikazzjoni għal-liċenzja mressqa minnu tista' tkun relatata ma' massimu ta' 80 tunnellata.

Artikolu 8

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji msemmija fl-Artikolu 7 jistgħu jitressqu biss matul l-ewwel għaxart ijiem ta' kull perjodu tal-kwota ta' tariffa ta' l-importazzjoni.

▼M4

2. Sa mhux aktar tard mis-17-il jum tax-xahar li fih jitressqu l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantità totali koperta mill-applikazzjonijiet għal kull pajjiż tal-oriġini.

3. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mill-25 jum u sa mhux aktar tard minn tmiem ix-xahar li fih ikunu tressqu l-applikazzjonijiet.

▼B

Artikolu 9

▼M4

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux aktar tard mill-10 ta' Awwissu, dwar il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi prospetti nulli, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni fix-xahar preċedenti, fir-rigward tal-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3)(b) ta' dan ir-Regolament;

(b) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' kwota ta' tariffa tal-importazzjoni, dwar il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi prospetti nulli, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni fil-perjodu preċedenti tal-kwota ta' tariffa tal-importazzjoni, fir-rigward tal-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3)(a) ta' dan ir-Regolament;

(c) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru wara t-tmiem ta' kull perjodu tal-kwota ta' tariffa tal-importazzjoni, dwar il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi prospetti nulli, koperti b'liċenzji tal-importazzjoni li ma ntużawx jew li ntużaw biss parzjalment u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti li tqiegħdu f'ċirkulazzjoni ħielsa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

▼B

3. Għan-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-kwantitajiet għandhom jiġu espressi fil-piż tal-prodott f'kilogrammi u għal kull kategorija ta' prodotti kif indikat fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

▼M4

In-notifiki dwar il-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

▼B

Artikolu 10

Ir-Regolament (KE) Nru 996/97 huwa revokat.

Referenzi għar-Regolament revokat għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VIII.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għaxar ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1)(b)

— *Bil-Bulgaru:* Месести части от диафрагмата (Регламент (ЕО) № 748/2008),

— *Bl-Ispanjol:* Músculos del diafragma y delgados [Reglamento (CE) nº 748/2008],

— *Biċ-Ċek:* Okruží a bránice (nařízení (ES) č. 748/2008),

— *Bid-Daniż:* Mellemgulv (forordning (EF) nr. 748/2008),

— *Bil-Ġermaniż:* Saumfleisch (Verordnung (EG) Nr. 748/2008),

— *Bl-Estonjan:* Vahelihase kõõluseline osa (määrus (EÜ) nr 748/2008),

— *Bil-Grieg:* Διάφραγμα [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 748/2008],

— *Bl-Ingliż:* Thin skirt (Regulation (EC) No 748/2008),

— *Bil-Franċiż:* Hampe [règlement (CE) nº 748/2008],

— *Bit-Taljan:* Pezzi detti “hampes” [regolamento (CE) n. 748/2008],

— *Bil-Latvjan:* Liellopu diafragmas plānā daļa (Regula (EK) Nr. 748/2008),

— *Bil-Litwan:* Plonoji diafragma (Reglamentas (EB) Nr. 748/2008),

— *Bl-Ungeriż:* Sovány dagadó (748/2008/EK rendelet),

— *Bil-Malti:* Falda rqiqa (Regolament (KE) Nru 748/2008),

— *Bl-Olandiż:* Omloop (Verordening (EG) nr. 748/2008),

— *Bil-Pollakk:* Cienka przepona (Rozporządzenie (WE) nr 748/2008),

— *Bil-Portugiż:* Diafragma [Regulamento (CE) n.º 748/2008],

— *Bir-Rumen:* Fleică [Regulamentul (CE) nr. 748/2008],

— *Bis-Slovakk:* Bránica (Nariadenie (ES) č. 748/2008),

— *Bis-Sloven:* Vampi (Uredba (ES) št. 748/2008),

— *Bil-Finlandiż:* Kuveliha (asetus (EY) N:o 748/2008),

— *Bl-Iżvediż:* Mellangärde (förordning (EG) nr 748/2008),

▼B

ANNESS II

<table>
<tr><td rowspan="2">1. Esportatur (isem u indirizz)</td><td>2. Nru taċ-Ċertifikat</td><td colspan="2">ORIĠINALI</td></tr>
<tr><td colspan="3">3. Awtorità emittenti</td></tr>
<tr><td>4. Destinatarju (isem u indirizz)</td><td colspan="3" rowspan="2">5. ĊERTIFIKAT TA' L-AWTENTIĊITÀ
ĊANGA U VITELLA
Falda Rqiqa</td></tr>
<tr><td>6. Mezz ta' trasport</td></tr>
<tr><td colspan="2">7. Marki, għadd, numru u tip ta' ppakkjar; deskrizzjoni tal-prodotti</td><td>8. Piż Gross (kg)</td><td>9. Piż Nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="4">10. Piż nett (fi kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="4">11. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ EMITTENTI
Jiena hawnhekk niċċertifika li l-falda rqiqa deskritta f'dan iċ-ċertifikat hija konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 748/2008 skond il-limiti stipulati fl-Artikolu 1(3)(a) ta' dak ir-Regolament u li toriġina fl-Arġentina.

Post:

Data: .....
Firma u timbru (jew siġill stampat)</td></tr>
</table>

Trid timtela bl-użu tat-tajprajter jew b'ittri kbar.

▼**M5**

ANNESS III

Lista tal-awtoritajiet fl-Arġentina awtorizzati li joħorġu ċ-ċertifikati tal-awtentiċità

L-Arġentina: Il-Ministerio de Agroindustria:

għal falda rqiqa li toriġina fl-Arġentina kif speċifikat fl-Artikolu 1(3)(a).

▼**M4**

_____

▼B

ANNESS VII

Ir-Regolament revokat bl-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/97 (ĠU L 144, 4.6.1997, p. 6)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2048/97 (ĠU L 287, 21.10.1997, p. 10)	Dwar ir-referenza għar-Regolament (KE) Nru 996/97, l-Artikolu 1 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 260/98 (ĠU L 25, 31.1.1998, p. 42)	L-Artikolu 6 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/98 (ĠU L 175, 19.6.1998, p. 9)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 649/2003 (ĠU L 95, 11.4.2003, p. 13)	L-Artikolu 3 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1118/2004 (ĠU L 217, 17.6.2004, p. 10)	L-Artikolu 3 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1965/2006 (ĠU L 408, 30.12.2006, p. 27)	L-Artikolu 3 u l-Anness III biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 568/2007 (ĠU L 133, 25.5.2007, p. 15)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 962/2007 (ĠU L 213, 15.8.2007, p. 6)	

▼B

ANNESS VIII

Tabella ta' Korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 996/97	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(1)
L-Artikolu 2(3)	L-Artikolu 2(2)
L-Artikoli 3 sa 8	L-Artikoli 3 sa 8
—	L-Artikolu 9
—	L-Artikolu 10
L-Artikolu 12	L-Artikolu 11
L-Anness I	L-Anness II
L-Anness II	L-Anness III
L-Anness III	L-Anness I
—	L-Anness IV
—	L-Anness V
—	L-Anness VI
—	L-Anness VII
—	L-Anness VIII